ORDNAT iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' ALFIO ROSARIO COSIMO AIELLO u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort'oħra jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li l-imputat jindika b'nota minn fejn se jipperċepixxi dawn il-flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, fl-Artikolu 23A, u fl-Artikolu 36 tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax il-elf ewro (€12,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 22 ta' Settembru, 2023

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

The Police
(Inspector Mark Anthony Mercieca)
(Inspector Jonathan Pace)

Versus

ALFIO ROSARIO COSIMO AIELLO, employee, 31 years, son of Pietro and Simona Chianta, born in Catania, Sicily, on the 7th October, 1991, without a fixed address in Malta and holder of Italian identification document bearing number AX7627650.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to ALFIO ROSARIO COSIMO AIELLO and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by him, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta, and Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, after the accused indicates with a note from where he is perceiving this money.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A, Article 23A, and Article 36 referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 22nd September, 2023

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1883

ARB/C039/2023 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-14 ta' Settembru, 2023 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD). Kumpilazzjoni Numru 717/2023, fil-kawża fl-ismijiet:

ARB/C039/2023 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 14th September, 2023 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD). Compilation Number 717/2023, in the case:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Mark Anthony Mercieca)
(l-Ispettur Jonathan Pace)

Kontra

SANTO BENITO REINA, diżokkupat, ta' 33 sena, iben Rosario u Paesano Carla Calogera, imwieled Catania, Sqallija, fit-2 ta' Jannar, 1990, mingħajr indirizz fiss f'Malta u detentur ta' dokument ta' identifikazzjoni Taljan bin-numru CA66816OS.

ORDNAT iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' SANTO BENITO REINA u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort'oħra jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż i, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li l-imputat jindika b'nota minn fejn ħa jipperċepixxi dawn il-flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, fl-Artikolu 23A, u l-Artikolu 36 tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax il-elf ewro (€12,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 22 ta' Settembru, 2023

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

The Police
(Inspector Mark Anthony Mercieca)
(Inspector Jonathan Pace)

Versus

SANTO BENITO REINA, unemployed, 33 years, son of Rosario and Paesano Carla Calogera, born in Catania, Sicily, on the 2nd January, 1990, without a fixed address in Malta and holder of Italian identification document bearing number CA66816OS.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to SANTO BENITO REINA and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by him, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta, and Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, after the accused indicates with a note from where he is perceiving this money.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A, Article 23A, and Article 36 referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 22nd September, 2023

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1884

ARB/C040/2023 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-14 ta' Settembru, 2023 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD). Kumpilazzjoni Numru 718/2023, fil-kawża fl-ismijiet:

ARB/C040/2023 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 14th September, 2023 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD). Compilation Number 718/2023, in the case:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Mark Anthony Mercieca)
(l-Ispettur Jonathan Pace)

Kontra

MARK-ANDREW MUSCAT, impjegat, ta' 43 sena, iben Neville Muscat u l-mejta Catherine Muscat xebba Borg, imwieled San Ġiljan, Malta, fis-6 ta' Diċembru, 1979, u residenti ġewwa 57, 'St. John', Flat 4, Sqaq Tomna, San Ġwann, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 48080M.

ORDNAT iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' MARK-ANDREW MUSCAT u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort'oħra jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, wara li l-imputat jindika b'nota minn fejn se jipperċepixxi dawn il-flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, fl-Artikolu 23A, u fl-Artikolu 36 tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax il-elf ewro (€12,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 22 ta' Settembru, 2023

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

The Police
(Inspector Mark Anthony Mercieca)
(Inspector Jonathan Pace)

Versus

MARK-ANDREW MUSCAT, employee, 43 years, son of Neville Muscat and the late Catherine Muscat née Borg, born in St Julian's, Malta, on the 6th December, 1979, and residing at 57, 'St. John', Flat 4, Sqaq Tomna, San Ġwann, and holder of Maltese identity card bearing number 48080M.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to MARK-ANDREW MUSCAT and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by him, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta, and Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, after the accused indicates with a note from where he is perceiving this money.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A, Article 23A, and Article 36 referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 22nd September, 2023

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1885

Avviż maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Billi Pubblius sive Paul Bonnici ppreżenta rikors ġuramentat bin-numru ta' referenza 91/2023 SG, fejn talab il-korrezzjoni tal-att tat-twelid tiegħu rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku tar-Rabat, Għawdex, bin-numru ta' reġistrazzjoni 269/1946.

Notice issued by the Court of Magistrates (Gozo)

Whereas Pubblius sive Paul Bonnici filed a sworn application bearing reference number 91/2023 SG, demanding the correction of his act of birth which is registered in the Public Registry of Victoria, Gozo, bearing registration number 269/1946.

Kull min jista' jkollu interess fih, u jixtieq jopponi dik it-talba, huwa b'dan imsejjaħ jagħmel dan, permezz ta' nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti, fi żmien ħmistax-il jum mill-jum tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż. fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk li, fiż-żmien hawn fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw tali nota, se jiġu notifikati bl-imsemmi rikors ġuramentat, u bil-jum li jiġi appuntat għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum 19 ta' Settembru, 2023

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali ta' Għawdex

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of this Court, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said sworn application, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

This 19th September, 2023

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1886

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta
Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fid-19 ta' Settembru, 2023, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt u dan ai termini tal-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fid-19 ta' Settembru, 2023, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lill-persuna jew persuni mhux magħrufa intitolati għall-ħlas taċ-ċens perpetwu tal-immobbli hawn taħt deskritt fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u fidi ta' ċens bin-numru 242/2023 fl-ismijiet Excel Investments Limited et vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżenta lill-persuna jew persuni mhux magħrufa intitolati għall-ħlas taċ-ċens perpetwu tal-immobbli hawn taħt deskritt, liema ċedola ġiet ippreżentata fit-22 ta' Awwissu, 2023, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-attijiet l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

L-imsemmija ċedola taqra hekk:

Illi bis-saħħa ta' żewġ kuntratti li saru fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tat-28 ta' Marzu, 2023, u tad-29 ta' Marzu, 2023, l-esponenti Excel Investments Limited xtrat u akkwistat:

a) Mill-poter ta' Jennifer de Hoog, Rosalinda Portelli, Charles John Muscat, Paul Francis Muscat u Rosanne Sammut:

Banns for Curators

Republic of Malta
To the Executive Officer of the Magistrates' Court (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on the 19th of September, 2023, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below and this in terms of article 931 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure.

By a decree given on the 19th of September, 2023, it was ordered that a deputy curator be chosen according to the law to represent the unknown person or persons entitled to the payment of the perpetual ground rent of the immovable described hereunder in the schedule of deposit and redemption of ground rent with reference number 242/2023 in names Excel Investments Limited et vs Deputy Curators in order to represent the unknown person or persons entitled to the payment of the perpetual ground rent of the property described below, which schedule of deposit was presented on the 22nd of August, 2023, in the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, and in all other relative and subsequent acts.

The said schedule of deposit reads as follows:

That by virtue of two deeds published by Notary Kristen Dimech of the 28th of March, 2023, and on the 29th of March, 2023, the applicant Excel Investments Limited bought and acquired:

a) from the possession of Jennifer de Hoog, Rosalinda Portelli, Charles John Muscat, Paul Francis Muscat and Rosanne Sammut:

i. id-dar bin-numru uffiċjali mija u disgħin (190), Triq San Blas, In-Nadur, Għawdex, bil-ġnien magħha anness, kollox tal-kejl ta' ċirka 800.62 m.k. immarkata bl-ittra 'A1' fuq il-pjanta dokument 'X', suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €0.35 u subċens annwu u perpetwu ta' €2.91 kif indikat fil-kuntratt tat-23 ta' Ottubru, 1930, atti Nutar Francesco Gauci;

ii. porzjon diviż ta' art tal-kejl ta' ċirka 380.15 m.k. mill-art magħrufa 'Ta' Patritu' sive 'Tal-Patretua', konfinanti mit-Tramuntana u min-Nofsinhar ma' beni ta' terzi li mhux magħrufa lill-esponenti, u mill-Punent mal-porzjon art hawn taħt deskritta fil-para (iii), markata bl-ittra 'A2' fuq il-pjanta dokument 'X'; u

iii. porzjon diviza ta' art tal-kejl ta' ċirka 1,281.32 m.k. mill-art magħrufa 'Ta' Patritu' sive 'Tal-Patretua', konfinanti mill-Punent ma' Triq San Blas in parti u in parti mal-fond hawn fuq deskritt fil-para. (i), u min-Nofsinhar ma' beni ta' Raymond u Grace konjuġi Camilleri msemmija aktar 'l isfel, immarkata bl-ittri 'A2' u 'B' fuq il-pjanta dokument 'X', suġġetta flimkien mal-porzjonijiet 'C' u 'X' hawn taħt deskritti għar-rata tagħhom taċ-ċens annwu u perpetwu ta' €0.58 kif indikat fil-kuntratti tat-18 ta' Lulju, 1936, atti Nutar Francesco Refalo, tat-8 ta' Frar, 1941, atti n-Nutar Francesco Refalo, u tat-2 ta' April, 1980, atti n-Nutar Paul George Pisani, u subċens annwu u perpetwu ta' €4.54 kif indikat fil-kuntratt tas-7 ta' Frar, 1948, atti n-Nutar Giuseppe Cauchi;

a) Mill-poter ta' Charles John Muscat, Paul Francis Muscat u Rosanne Sammut waħedhom:

i. porzjon diviż ta' art tal-kejl ta' ċirka 249.9 m.k. mill-art magħrufa 'Ta' Patritu' sive 'Tal-Patretua', konfinanti mill-Punent ma' Triq San Blas, u mill-irjieħat l-oħra kollha mal-beni hawn fuq deskritti, markata bl-ittra 'C' fuq il-pjanta dokument 'X', suġġetta flimkien mal-porzjonijiet 'B' u 'X' u 'A2' hawn deskritti għar-rata tagħhom taċ-ċens annwu u perpetwu ta' €0.82 kif indikat fil-kuntratt tat-30 ta' Awwissu, 1973, atti n-Nutar Giuseppe Cauchi u fil-kuntratt tat-8 ta' Frar, 1941, atti n-Nutar Francesco Refalo, u subċens annwu u perpetwu €4.54, kif indikat fil-kuntratt tas-7 ta' Frar, 1948, atti n-Nutar Giuseppe Cauchi;

Illi l-esponenti Raymond u Grace konjuġi Camilleri huma proprjetarji ta' porzjon diviż ta' art ġja formanti parti mill-istess territorju magħruf 'Ta' Patritu' sive 'Tal-Patretua' fuq imsemmi, tal-kejl ta' ċirka 351m.k., konfinanti mill-Punent ma' Triq San Blas, min-Nofsinhar ma' beni ta' Giovanni Vella jew l-aventi kawża tiegħu u mil-Lvant ma' beni ta' Giuseppe Borg, jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu, u mit-Tramuntana ma' beni tal-kumpannija Excel Investments

i. the house bearing the official number one hundred and ninety (190), Triq San Blas, Nadur, Gozo, with the garden attached to it, in all measuring about 800.62 m2 marked with the letter 'A1' on the plan document 'X', subject to the annual and perpetual ground rent of €0.35 and the annual and perpetual sub-ground rent of €2.91 as indicated in the contract of the 23rd of October, 1930, in the records of notary Francesco Gauci;

ii. a partitioned portion of land measuring about 380.15 m2 of the land known 'Ta' Patritu' sive 'Tal-Patretua', bordering from the north and south with property of third parties that are unknown to the applicants, and from the west with the portion of land below described in para (iii), marked with the letter 'A2' on the plan document 'X'; and

iii. a divided portion of land measuring around 1,281.32 m2 of the land known 'Ta' Patritu' or 'Tal-Patretua', bordering from the West with Triq San Blas in part and in part with the property above described in para. (i), and from the South with the property of Raymond and Grace spouses Camilleri mentioned further down, marked with the letters 'A2' and 'B'on the plan document 'X', subject together with the portions 'C' and 'X' below described for their annual and perpetual ground rent rate of €0.58 as indicated in the contracts of the 18th of July, 1936, in the records of Notary Francesco Refalo of the 8th of February, 1941, in the records of Notary Francesco Refalo, and of the 2nd of Apri, 1980, in the records of Notary Paul George Pisani, and an annual and perpetual sub-ground rent of €4.54 as indicated in the contract of the 7th of February, 1948, in the records of notary Giuseppe Cauchi;

a) from the possession of Charles John Muscat, Paul Francis Muscat and Rosanne Sammut alone:

i. a divided portion of land measuring 249.9 m2 of the land known 'Ta' Patritu' sive 'Tal-Patretua', bordering from the West with Triq San Blas, and from all the other boundaries with the above described property, marked with the letter 'C' on the plan document 'X', subject together with the portions 'B' and 'X' and 'A2' described herein for their annual and perpetual ground rent rate of €0.82 as indicated in the contract of the 30th of August, 1973, in the records of Notary Giuseppe Cauchi and in the contract of the 8th of February, 1941, in the records of Notary Francesco Refalo, and the annual and perpetual sub-ground rent €4.54, as indicated in the contract of the 7th of February, 1948, in the records of Notary Giuseppe Cauchi;

That the applicants Raymond and Grace spouse Camilleri are owners of a divided portion of land already forming part of the same territory known 'Ta' Patritu' sive 'Tal-Patretua' above mentioned, measuring circa 351m2, bordering from the west with Triq San Blas, from the south with the property of Giovanni Vella or his successors and from the east with the property of Giuseppe Borg, or their successors in title, and north with property of the company Excel Investments

Limited, immarkata bl-ittra 'X' fuq il-pjanta dokument 'X', suġġetta flimkien mal-porzjonijiet 'B', 'C' u 'A2' hawn fuq deskritti għar-rata tagħhom taċ-ċens annwu u perpetwu ta' €0.58 kif indikat fil-kuntratti tat-18 ta' Lulju, 1936, atti n-Nutar Francesco Refalo, tat-8 ta' Frar, 1941, atti n-Nutar Francesco Refalo, u tat-2 ta' April, 1980, atti n-Nutar Paul George Pisani, u subċens annwu u perpetwu ta' €4.54 kif indikat fil-kuntratt tas-7 ta' Frar, 1948, atti n-Nutar Giuseppe Cauchi;

Illi d-diviżjoni tal-art bejn il-kumpannija Excel Investments Ltd. u l-konjuġi Camilleri in esekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, deċiża fil-15 ta' Diċembru, 2010, fil-kawża fl-ismijiet: Raymond Camilleri et vs Saviour sive Sam Portelli et (Rikors Ġuramentat numru 30/2005) saret permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tad-19 ta' April, 2023;

Illi l-esponenti jixtiequ jifdu flimkien u solidalment bejniethom iċ-ċens u s-subċens hawn fuq imsemmija li komplessivament jammonta għal €9.20 fil-konfront tal-padrun dirett u s-subdirettajru li mhumiex magħrufa lilhom u lanqas l-eredi jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu, u permezz ta' din iċ-ċedola qegħdin jipprevalixxu ruħhom mid-dritt mogħti lilhom bil-liġi u jifdu dan iċ-ċens u subċens ai termini tal-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili, u b'hekk jilliberaw d-dar u l-art kollha hawn fuq deskritta minn kwalunkwe piż u gravam. Stante li d-direttarju jew direttarji u lanqas is-suċċessuri tagħhom fit-titolu huma persuni mhux magħrufa lill-esponenti, il-fidwa qiegħda ssir fil-konfront ta' kuratur deputat nominat sabiex jirrappreżenta lid-direttarju u subdirettarju jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu li għandhom il-jedd li jirċievu l-ħlas tal-fidwa taċ-ċens u subċens;

Illi huma dovuti wkoll l-aħħar ħames skadenzi taċ-ċens u subċens li jammontaw għal €46;

Illi l-ammont ta' €9.20 kapitalizzat bir-rata perċentwali ta' ħamsa fil-mija skont il-liġi jammonta għal €184;

Għaldaqstant, l-esponenti jadixxi bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti u jiddepożita taħt l-awtorità tagħha għal kull fini u effett tal-liġi favur l-intimat nomine s-somma komplessiva ta' €230, liema depożitu jirrappreżenta inkwantu għas-somma ta' €46 il-ħlas tal-aħħar ħames skadenzi taċ-ċens u subċens filwaqt li s-somma ta' €184 il-fidwa taċ-ċens u subċens annwu u perpewtu ta' €9.20 kapitalizzat bir-rata perċentwali ta' ħamsa fil-mija skont il-liġi, liema depożitu jkun jista' jiġi liberament żbankat minn min għandu jedd għalih skont il-liġi wara li tiġi mħollija debita riċevuta skont il-liġi.

Limited, marked with the letter 'X' on the plan document 'X', subject together with the portions 'B', 'C' and 'A2' described above to their share of the annual and perpetual ground rent of €0.58 as indicated in the contracts of the 18th of July, 1936, in the records of Notary Francesco Refalo, of the 8th of February, 1941, in the records of Notary Francesco Refalo, and of of the 2nd of April, 1980, in the records of Notary Paul George Pisani, and an annual and perpetual sub-ground rent of €4.54 as indicated in the contract of the 7th of February, 1948, in the records of Notary Giuseppe Cauchi;

That the partition of the land between the company Excel Investments Ltd. and the spouse Camilleri in execution of a sentence of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, decided on the 15th of December, 2010, in the case in the names: Raymond Camilleri et vs Savior sive Sam Portelli et (Sworn Application number 30/2005) was effected by virtue of a deed in the records of Notary Kristen Dimech of the 19th of April, 2023;

That the applicants wish to redeem jointly and severally between them the ground rent and sub-ground rent mentioned above which altogether amount to €9.20 against the direct owner and the sub-owners who are not known to them nor their heirs or successors in title, and through this schedule of deposit they are taking advantage of the right accorded to them by law and redeem this ground rent and sub-ground rent in terms of Article 1501 of the Civil Code, thus freeing the house and all the land here above described of any burthens. Since the owners or sub owners as well as their successors in title are persons unknown to the applicants, the redemption is being made against a deputy curator nominated to represent the owner or sub owner or their successors in title that they have the right to receive the payment of the redemption of the ground rent and and sub-ground rent;

That the last five ground rents and sub-ground rents are also due, amounting to €46;

That the amount of €9.20 capitalized at the percentage rate of five percent according to the law amounts to €184;

Accordingly, the applicants, with respect, are having recourse to this Honourable Court and deposit under its authority for all purposes and effects of the law in favour of the respondent nomine the global sum of €230, which deposit represents as to the sum of €46 the payment of the last five deadlines of the ground rent and sub-ground rent, whereas the sum of €184 being the redemption of the annual and perpetual ground rent and sub-ground rent of €9.20 capitalized at the percentage rate of five percent according to law, which deposit can be freely disbursed by whoever is entitled to it according to law after due receipt is tendered according to law.

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaq' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Simone Grech, BA, LLD, Mag. Jur. (Eur. Law), Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 19 ta' Settembru, 2023

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

You, executive officer of the Court of Magistrates (Gozo) are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and hereby summon everyone who wants to enter as a curator to appear in a period of six (6) days in this Register and makes a note declaring that he enters for this.

You are also ordered to inform each one that if he does not make this declaration within the time given above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Given by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, mentioned above, with the testimony of Magistrate Dr Simone Grech, BA, LLD, Mag. Jur. (Eur. Law), Magistrate of the aforementioned Court.

This 19th of September, 2023

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1887

Permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Lulju, 2023, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Nicholas Jensen Testaferrata et vs James Naudi et, Rikors numru 974/2023JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat James Naudi a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Nicholas Jensen Testaferrata (KI 0057654M) u David Bache (KI 0344286M) vs James Naudi (KI 216061M) u l-Awtorità tad-Djar, ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fid-19 ta' Diċembru, 2022, ir-rikorrenti Nicholas Jensen Testaferrata et talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimat huwa l-inkwilin tal-fond 32/33, Triq Sant'Agatha, Tas-Sliema, u jikkwalifika bħala kerrejja ta' dar ta' abitazzjoni abbażi ta' din it-tifsira, ai termini tal-Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kera tal-Bini kif emendat bl-Att XXIV tal-2021, u b'hekk huwa intitolat li jkompli jokkupa d-dar ta' abitazzjoni ai termini tal-Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, kif emendat bl-Att XXIV tal-2021;

By means of a decree of the 10th July, 2023, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Nicholas Jensen Testaferrata et vs James Naudi et, Application number 974/2022JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent James Naudi in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Nicholas Jensen Testaferrata (ID 0057654M) and David Bache (ID 0344286M) vs James Naudi (ID 216061M) and Housing Authority filed in the Rent Regulation Board, on the 19th December, 2022, the applicants Nicholas Jensen Testaferrata (ID 0057654M) et requested this Honourable Board why it should not:

1. Declare and decide that the respondent is the lessee of the premises 32/33, Triq Sant'Agatha, Tas-Sliema, and qualify as the lessee of a residential house on the basis of this definition, in terms of Article 2 of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance as amended by Act XXIV of 2021. And thus he is entitle to continue occupying the premises in terms of Article 2 of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance, as amended by Act XXIV of 2021;

2. Jordna illi jitwettaq it-test tal-mezzi ta' James Naudi fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kiterji ta' Test tal-Mezzi) maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili, u kwalunkwe regolamenti oħra li jissostituwhom ibbazat fuq id-dħul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru, 2022, u fuq il-kapital tal-kerrej fil-31 ta' Diċembru tal-2022.

3. Jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond 32/33, Triq Sant'Agatha, Tas-Sliema, u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera;

4. Jordna f'każ li l-intimat James Naudi ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tal-istess intimat mill-fond in kwistjoni, fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimat għas-subizzjoni u b'riserva u mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi azzjoni oħra li tista' talvolta tiġi preżentata.

Rikorrenti: Nicholas Jensen Testaferrata et, Villa Bijoux, 69, Triq Ġorġ Borg Olivier, Ir-Rabat

Intimat: James Naudi, 32/33, Triq Sant'Agatha, Tas-Sliema
L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Nicholas Jensen Testaferrata et vs James Naudi et, Rikors numru 974/2022JG, jinsab differit għad-9 ta' Ottubru, 2023, fid-8.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Settembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. Order that the means test of the respondent James Naudi be carried out as set out in the Rules of the Continuation Tenancies (Means Testing Criteria) issued under Article 1622A of the Civil Code and any regulations that replace them, which test shall be based on the income of the lessee between 1st January and 31st December, 2022, and on the capital of the lessee on the 31st December, 2022.

3. Declare and decide that in terms of Act XXIV of 2021, the rent shall be revised to an amount not exceeding 2% per year of the free and unencumbered open market value of the premises that is 32/33, Triq Sant'Agatha, Tas-Sliema, and to establish new conditions regarding the lease.

4. Order that if the respondent James Naudi does not satisfy the criteria of the income of the means test, the eviction of the same respondent from the premises in question within a short and peremptory time established by this Board.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to her oath be made and without prejudice to any other action that may eventually be filed.

Applicants: Nicholas Jensen Testaferrata et, Villa Bijoux, 69, Triq Ġorġ Borg Olivier, Rabat

respondents: James Naudi 32/33, Triq Sant'Agatha, Tas-Sliema
Housing Authority

The application in the names Nicholas Jensen Testaferrata et vs James Naudi, Application number 974/2022JG, has been postponed for hearing to the 9th October, 2023, at 8.45a.m.

Registry of the Superior Courts, today 22nd September, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1888

Permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Lulju, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2027/2023, fl-ismijiet Gladys Sant Fournier et vs Claude Camilleri, il-Bord li Jirregola l-Kera ordna s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Claude Camilleri a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Bord li Jirregola l-Kera

Illum 17 ta' Mejju, 2023

By means of a decree given on the 25th July 2023, in the records of the judicial letter number 2027/2023, in the names Gladys Sant Fournier et vs Claude Camilleri, the Rent Regulation Board ordered the following publication in terms of Article 187(3) of Cap. 12 for the purpose of effecting service on the respondent Claude Camilleri.

In the Rent Regulation Board

Today 17th May, 2023

Lil Claude Camilleri (KI 606873M) ta' The Penthouse 9, Seascape, Dawret it-Tunnara, Il-Mellieħa

Permezz tal-preżenti Gladys Sant Fournier (KI 723145M) residenti Ta' Xbiex u Silvana Sultana Sant Fournier (KI 355767M) residenti Gwardamanġa, jirreferuk għal-lokazzjoni tal-fond bl-indirizz numru 63, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, u dan ai termini tal-kuntratt ta' lokazzjoni datat 22 ta' Ottubru, 2010.

Illi inti tinsab moruż fil-ħlas ta' kera u f'dan ir-rigward, il-mittenti qegħdin iġibulek a formali konjizzjoni li inti debitur fis-somma ta' €75,242 rappreżentanti arretrati ta' kera u kontijiet pendenti ta' dawl u ilma fl-imsemmi fond bejn l-1 ta' Diċembru, 2021 u l-31 ta' Mejju, 2023.

Għaldaqstant, in vista tas-su espost il-mittenti qegħdin jinterpellawk sabiex fi żmien ħmistax-il ġurnata mil-lum, tersaq għall-ħlas tad-debitu dovut minnek. Jekk tonqos milli tagħmel dan, il-mittenti mhu se jkollhom l-ebda għażla għajr li jipproċedu fil-kofront tiegħek, inkluż bil-ħruġ tal-mandati opportuni, mingħajr l-ebda preavviż ulterjuri.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet li jiddekorru skont il-liġi

Tant sabiex timxi u tirregola ruħek

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Settembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

To Claude Camilleri (ID 606873M) of The Penthouse 9, Seascape, Dawret it-Tunnara, Mellieħa

By means of this present Gladys Sant Fournier (ID 723145M) residing in Ta' Xbiex and Silvana Sultana Sant Fournier (ID 355767M) residing in Gwardamanġa, refer you to the lease of the premises with address number 63, Triq ir-Repubblika, Valletta, and this in terms of the lease agreement dated 22nd October, 2010.

That you are late in the payment of rent and in this regard, the interpellants are formally bringing to your notice that you are a debtor in the sum of €75,242 representing arrears of rent and pending water and electricity bills of the said premises between the 1st December, 2021 and the 31st May, 2023.

Thus, in view of the above the interpellants are soliciting you so that within fifteen days from today you come forward for the payment of the debt due by you. If you fail to do so, the interpellants will have no choice but to proceed against you, including by issuing the opportune warrants, without any further notice.

With costs and interests that run according to law

So much for your guidance and to regulate yourself

Registry of the Superior Courts, today 22nd September 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1889

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-20 ta' Settembru, 2023, u dan wara Rikors b'numru 952/2023, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li meta jiġi biex jirreġistra l-Att tat-Twelid tal-minuri Ahmad Hani Barhoush, jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid tiegħu biex ikun jidher li l-isem tal-minuri mhux 'Ahmad' biss iżda 'Ahmad Hani'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ġimgħa 22 ta' Settembru, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 20th September, 2023, and upon an application numbered 952/2023, ordered:

To the Director of the Public Registry that when he comes to register the Act of Birth of the minor Ahmad Hani Barhoush, he makes the appropriate annotations or corrections in his Act of Birth so that it appears that the minor's name is not only 'Ahmad' but 'Ahmad Hani'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Friday 22nd September, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

1890

Permezz ta' digriet mogħti fl-4 ta' Awwissu, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1737/23, fl-ismijiet is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għas-Saħħa vs Lida Skaria, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Lida Skaria (KI 187079A) ta' 187, St Joseph, Triq John Borg, Birkirkara, fil-31 ta' Mejju, 2023, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tas-Saħħa ta' 11, Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, jinterpellak sabiex fi żmien ġimgħa minn din l-ittra, inti tħallas is-somma ta' €1,643.18 rappreżentanti overpayment magħmul mill-Isptar Mater Dei. Kull pagament għandu jiġi indirizzat lil Cashier Malta Government – Ministry for Health u mibgħut/meħud fid-Dipartment tal-Finanzi fl-Isptar Mater Dei.

Fin-nuqqas il-mittenti se jipproċedi ulterjorment kontra tiegħek mingħajr avviż ieħor bil-ħruġ tal-mandati opportuni skont il-liġi.

Din l-ittra qiegħda tintbagħat lilek ai termini tal-artikoli relattivi tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek

Bl-imgħax u bl-ispejjeż tal-preżenti sal-eventwali ħlas

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 22 ta' Settembru, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 4th August, 2023, in the records of the judicial letter number 1737/2023, in the names Permanent Secretary in the Ministry for Health vs Lida Skaria, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service on the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Lida Skaria (ID 187079A) of 187, St Joseph, Triq John Borg, Birkirkara, on the 31st May, 2023, Permanent Secretary of the Ministry for Health of 11, Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta, solicits you so that within one week from this letter you pay the amount of €1,643.18 representing overpayment done from Mater Dei Hospital. Any payment has to be addressed to the Cashier Malta Government – Ministry for Health and sent/taken in the Finance Department of Mater Dei Hospital.

In default the interpellant shall proceed furtherly against you without further notice with the issuance of the opportune warrants according to law.

This letter is sent to you in terms of articles relative to the Civil Code (Cap. 16) of the Laws of Malta.

So much for your own guidance

With interest and costs of this present till the effective payment

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 22nd September, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1891

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-25 ta' Lulju, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 614/2023, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Jeffrey Cachia Gili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Jeffrey Cachia Gili a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 21 ta' Frar, 2023

Lil Jeffrey Cachia Gili (KI 368569M) ta' Hubbard Blk 8, Fl 6, Triq Alessandra, Bormla, bħala eredi ta' Antonia Cachia (KI 645733M)

By means of a decree of the 25th July, 2023, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 614/2023 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Jeffrey Cachia Gili, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Jeffrey Cachia Gili in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 21st February, 2023

To Jeffrey Cachia Gili (ID 368569M) of Hubbard, Blk 9, Fl 6, Triq Alessanrda, Cospicua, as heir of Antonia Cachia (ID 645733M)

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed jinterpellawk sabiex tħallas is-somma ta' €1,044.36, għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-ligi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 411000017308 ossija dwar il-fond bl-indirizz Flt 6, Blk 8 Hubbard, Triq Alessandra, Bormla.

